Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Neville Mercieca)

vs

Darryl Anthony Anderson

Kumpilazzjoni Numru: 181/16

Illum, il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Darryl Anthony Anderson detentur ta' numru tal-karta tal-identita' 457197M u gie akkuzat talli:

Fis-27 ta' Marzu 2016, ghal habta ta' l-erbgha u kwart ta' filghodu (4:15am) f'Had Dingli, bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe' serq aggravat bil-vjolenza, bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro mill-fond Xmun Farmhouse, Triq ir-Rabat, Dingli, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-27 ta' Marzu, 2016 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu (8:30am), iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli fis-27 ta' Marzu 2016, ghal habta ta' l-erbgha u kwart ta' filghodu (4:15am) f'Had Dingli, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Angie Azzopardi hekk kif iccertifikat Dr. Ruth Attard MD5602 mic-Centru tas-sahha tal-Mosta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Marzu, 2016 u ix-xhur ta' qabel din id-data ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Marzu, 2016 u ix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Marzu, 2016 u ix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez

li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li kienet wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed (1) ta' April elfejn u sittax (2016) fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' **Dr. Martin Bajada** fejn esebixxa rapport tieghu fejn huwa jghid li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Ian

Farrugia (Dok MB1 - MB3) izda li mill-informazzjoni li hareg ma kien hemm xejn ta' importanza ghall-kaz odjern.

Xehed ukoll <u>Raymond Azzopardi</u> fejn qal illi fis-27 ta' Marzu fl-erbgha ta' filghodu hu u l-mara tieghu kienu qed jahilbu l-baqar u fejn xi hadd li ma nstemghax fir-*recording* u Maximilian Ciantar nizlu sparati bis-sikkina. Huwa rrefera ghal dak li kien hemm fuq il-bank izda ma kienx hemm referenza ghal min kien qed jirreferi fix-xhieda. Huwa jghid illi wiehed mar fuq il-mara tieghu u l-iehor gera warajh. Hu jghid illi sema' lill-mara tieghu tghajjat u hemmhekk cempel lill-pulizija. Hu jghid illi qabel ma dahlu qattawlu zewg *tyres* tal-vann u qattawlu wkoll id-dokumenti li kien hemm fih. Huwa jghid illi dawn iz-zewg persuni ma kienx jafhom.

Xehdet il-mara <u>Angie Azzopardi</u> fejn tghid illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2016 filghodu kmieni hi u r-ragel taghha kienu qed jehilbu l-baqar fejn dahlu zewg persuni, wiehed liebes *crash helmet* u l-iehor liebes xalla ma' rasu. Hija rrikonoxxiet wiehed minnhom li kien l-imputat. Tghid illi wiehed minnhom mar jigri wara r-ragel taghha b'sikkina u l-iehor beda jaghtiha bil-ponn f'widnejha u rasha u jheddidha biex ittih il-flus u l-*mobile phone*.

Hija tghid illi rrikonoxxiet dawk iz-zewg persuni meta talbuhom biex imorru l-ghassa.

Rat ic-certifikat mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha mit-tabib Dr. Ruth Attard fejn iccertifikat illi Angie Azzopardi kienet sofriet minn griehi hfief f'widnejha u rasha izda li dan qatt ma gie mahluf bil-gurament minnha stess;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet bil-provi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2019 ;

Rat illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Dicembru 2019 id-difiza ddikjarat illi ma kellhiex provi f'dan il-kaz hlief li titlob li jigi redatt *social enquiry report* min-naha ta' Probation Officer;

Rat ir-rapport tal-*Probation Officer* datat hamsa (5) ta' Frar 2021 fejn Sarah Bezzina rrappurtat illi l-imputat ghandu xoghol stabbli u li testijiet tad-droga kienu gew fin-negattiv;

Rat in-nota ta' sottomissjoni tad-difiza;

Ikkunsidrat:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005)' ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed*

*sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the*

*evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta f'dawn il-proceduri l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni kienu l-allegat vittmi li bir-rispett kollu aktar taw vizjoni mhawwda ta' kif graw l-avvenimenti dakinhar milli taw stampa cara. Wara kollox huma kienu hemm u ghalhekk huma kellhom ikunu l-aktar xhieda li setghu jaghtu dawl. Izda gara illi mix-xhieda ta' Raymond Azzopardi kull ma gie ddentifikat huwa certu Maximilian Ciantar illi m'ghandux x'jaqsam mal-kaz, il-bqija jghid illi x-xhud harab jigri u ma jafx x'gara. Mix-xhieda tal-mara tieghu tghid illi wiehed kien liebes *helmet* u l-iehor xalla izda ghalkemm gharfet lill-imputat ma qalitx jekk dan kienx liebes ix-xalla jew il-*helmet*. Pero' wara tghid ukoll illi rrikonoxxiet lit-tnejn li huma meta marret l-ghassa. Issa dan il-fatt huwa inverosimili ghaliex jekk persuna tkun liebsa *crash helmet* ma tistax tirrikonixxi dik il-persuna.

Illi fattur iehor hu li ghalkemm mir-rapport tal-espert Martin Bajada ma hareg xejn partikolari ghal-kaz, jirrizulta wkoll illi dan gie nominat taht xi inkjesta li tali nkjesta qatt ma giet esebita f'dawn l-atti u ghalhekk din il-Qorti l-anqas ma tista' tiehu dan ir-rapport in konsiderazzjoni.

Illi di piu' il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda xaqq ta' prova a rigward l-akkuzi tad-droga u ghalhekk ma tarax ghaliex ghandha tiddilunga fuq dawn l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Darryl Anthony Anderson** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**